MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 775/2004

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Martin Micallef abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive
u tal-Ligi u l-istess Martin Micallef [276575(M)]**

**Vs**

**Paul Vella**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' Lm310.21c (tlett mija u ghaxar liri Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu) rappreżentanti danni f'incident awtomobilistiku ghal liema ncident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, mperizja, negligenza w inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal li mhux responsabbli ta' dan l-incident izda kien biss tort ta' Martin Micallef.

Ra r-*Road Accident Report* fejn Micallef qal:

"He was proceeding straight direction, all of a sudden he skidded onto the greasy liquid. The vehicle turned and the other vehicle BAD 356 which vehicle was proceeding behind him, collided into him."

Il-konvenut qal:

"He was proceeding along, all of a sudden the vehicle in front GAC 127 skidded and with same consequence he collided into him."

Ra x-xhieda ta' WPS 171 Liliana Mifsud fejn tikkonferma r-*Road Accident Report* u l-iskizz.

Ra x-xhieda ta' Martin Micallef fejn jghid li meta gie f'dawra beda jnaqqas il-velocita' izda malli beda jmiss il-*brake* beda jiskiddja. Jghid li beda jipprova jzomm il-velocita' kostanti u mhux beda jnaqqas il-velocita'. Jghid ukoll li ra vettura ohra izjed 'il quddiem minnu li kienet sejra fl-istess direzzjoni tieghu li bdiet tiskiddja. Micallef jghid li rnexxielu jwaqqaf l-vettura minghajr ma jolqot ma mkien. Jghid li meta gie wiccu mal-hajt, il-vettura ta' warajh baqghet diehla fil-bieba tieghu. Jaqbel ma' l-iskizz.

Fil-kontro-ezami jghid li kien ghaddej bi speed ta' mhux iktar minn hamsa u tletin kilometru fis-siegha (35kmph). Jikkonferma li wara l-incident ra li kien hemm iz-zejt ma' l-art.

Ra x-xhieda ta' Paul Vella fejn jikkonferma r-*Road Accident Report* u jzid illi l-vettura ta' l-attur kien raha qabel ma bdiet tiskiddja kif ukoll innota li kien hemm karozza ohra qabel ta' l-attur. Jghid li kien iktar minn sitt metri (6m) 'l boghod mill-vettura ta' Micallef. Jikkonferma li kien hemm iz-zejt ma' l-art.

Fil-kawza **Vella Vs Camilleri (Prim’ Awla 29/01/98)** gie ritenut:

“Li f’materja ta’ skid il-principju regolatur ma jistax hlief ikun li skid wahdu la hu prova ta’ negligenza u lanqas skriminanti. Hemm bzonn li jkun indagat jekk kienx hemm xi negligenza antecedenti jew konkomitanti. Jekk negligenza simili tirrizulta allura hemm ir-responsabbilta’ nonostante l-iskid; jekk ma tirrizultax allura l-iskid hija difiza ghax tkun incident inevitabbli. Gie ritenut ukoll insubjecta materia li meta ssir habta minhabba wahda mill-vetturi tkun skiddjat, is-sewwieq tal-karozza jkun responsabbli ma jaghrafx jaghmel il-manuvra mehtiega biex jevita u jnaqqas l-iskiddjatura. Kellu zmien li jaghmel dan u jkun aktar responsabbli jekk jaghmel xi manuvra li taggrava l-iskid.”

F’dan il-kaz jirrizulta li almenu tlett karozzi bdew jiskiddjaw minhabba xi *greasy liquid* (ara verzjoni ta’ Micallef lill-pulizija). Ma kienetx gurnata ta’ xita. Illi l-konvenut ikkonferma li kien hemm iz-zejt ma’ l-art. L-attur qal li kien hemm *greasy liquid*. Ma jirrizulta ebda *speed* eccessiv da parti tal-konvenut. Illi m’hemmx provi ta’ xi negligenza antecedenti jew konkomitanti tal-konvenut.

Ghaldaqstant jichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------